L-awtur kellu fehma li jikteb ħafif dak li hu ta' ħtieġa biss u għal-
hekk ma meliex il-ktieb tiegħu b'ħafna materjal ta' ħtieġa żgħira, huwa
żamm biss fuq dak li hu essenzjali għall-eżamijiet, jiġifieri għafas fuq lin-
gwistika, traduzzjoni u komponimet. Dawn it-tliet sisien huma mibnijin
tajjeb ħafna f'dan il-ktieb u mistħarrġin u mfissrin b'eżempji ta' kitba ta'
l-aħjar awturi Maltin. Imma bl-eżempji biss l-istudent ma jithejjiex tajjeb
għall-eżamli, hu jeħtieġlu jħabrek u jjħeddem moħħu u jitħarreġ fis-sen-
għa tal-kitba, għalhekk l-awtur hejjielu għażla ta' suġġetti għal komponi-
menti, għażla li taqbel wisq għall-eżemijiet tal-Malti.

Il-lum fl-eżamijiet qegħdin jagħtu importanza kbira lit-traduzzjoni
mill-Ingliż għall-Malti u għalhekk l-awtur ħaseb biex iġib siltiet minn
awturi tajbin Ingliżi ħalli l-istudent jitħarreġ fuqhom fil-qlib tiegħu għall-
Malti. Dak l-istudent li jkun ħadem f'dawn it-traduzzjonijiet u qalibhom
għall-Malti, jikseb ħeffa kbira fit-traduzzjoni u jagħmel figura fl-eżami.

Il-ktieb hu miktub ċar, ħafif u mqassam bis-sengħa u bil-għaqal, im-
fassal skond il-ħtieġa ta' l-istudenti u dawn ma jistgħux jgħaddu minn
għajru jekk jixtiequ jagħmlu suċċess fl-eżami tal-Malti.

G.

**"LOUIS PASTEUR"**, Ġrajja bl-itampi minn Richard A. Matrenza. — Union Press, Valletta, 1959, paġ. 28.

Il-ħajja ta' bniedem kbir hi dejjem istruttiva u interessanti, imma meta dak il-bniedem jinzerta jkun għaref mill-aqwa, l-istorja ta' ħajtu u ta' għemliu ma tistax ma tolqotx lil min jaqraha.

Imma din l-istorja dwar il-ħajja ta' Louis Pasteur aktar tingħoġob għax hi mfissra mhux biss bil-kitba imma wkoll b'għadd kbir ta' stampi li juru ċar episodji fil-ħajja ta' dak ix-xjenzat Franċiż minn twelidu sa mewtu. Din is-sensiela ta' stampi hi ta' siwi biex wieħed jaqra dwar is-suġġett li jinteressah. Ll-lum barra minn Malta l-aqwa kotba qegħdin joħorġu mhux bil-kitba biss iżda bl-istampi, u dawn l-istampi, jew "strip-cartoons", kif laqqmuhom l-Ingliżi, jibqgħu mwaħħlin f'moħħ il-qarrej.

Is-Sur Matrenza kien ippubblija "strip-cartoons" oħra fuq rumanzi magħrufin Maltin, imma dawk is-sensieli ta' stampi kienu mfissrin bl-Ingliż. Dan hu l-ewwel ktieb ta' "strip-cartoons" bil-Malti, ktieb li rnexxa sabiħ, interessanti u utili għat-tfal ta' l-iskola. Nagħtu prosit lill-awtur u nixtiqulu li jissokta joħroġ xogħlijiet bħal dan għall-pjaċir tal-qarrejja Maltin u għat-tagħlim tat-tfal ta' l-iskola.

G.

## ĦLAS TA' ABBONAMENT F'"IL-MALTI"

**Ngħarrfu lill-Abbonati f'"IL-MALTI" lill l-ħlas ta' l-abbonament għas-sena 1960 għandu jibda jitħallas mill-bidu ta' Jannar, 1960, għand it-Teżorier. Dawk li baqgħu lura fil-ħlasijiet ta' l-abbonament jirċievu avviż biex iħallsu mill-iktar fis.**

## WERREJ TAS-SENA 1959


**Abela, Ġużi**
*Elf Darba Omm* ... ... ... ... ... ... ... faċċ. 5

**Agius, Anton**
Fis-Sikta ta' Wied Magħlaq ... ... ... ... ... ... ,, 109

**Aquilina, Ġ., B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)**
*Epigrammi* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 23

**Aquilina, Pawlu**
*Il-Merħla tal-Bnedmin* ... ... ... ... ... ... ,, 72
*Żewġ Ilħna* ... ... ... ... ... ... ... ,, 107

**Born, Patri A., O.P.**
It-Trabokk ... ... ... ... ... ... ... ,, 67

**Briffa, Rużar, B.Sc., M.D.**
*Xewqat ta' Hena* ... ... ... ... ... ... ,, 117

**Cardona, Ġużè**
*L-Anġli tal-Ħniena* ... ... ... ... ... ... ,, 48
Antonio Sciortino ... ... ... ... ... ... ,, 118

**Caruana, Pawlu**
*L-Għanja tal-Warrani* ... ... ... ... ... ... ,, 13

**Caruana, Peter A.**
*Holma* ... ... ... ... ... ... ... ,, 80
Waħx il-Baqar ... ... ... ... ... ... ,, 103

**Caruana, Vincent**
L-Oriġinalità fil-Poeżija ... ... ... ... ... ,, 6
*Diilemma Żżommni Sieket!* ... ... ... ... ... ,, 12

**Cassar C., M.D.** ,, 49
*Miskin* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 94
*Li Kieku!!* ... ... ... ... ... ... ... ,, 108
*Ġirja* ... ... ... ... ... ...

**Cassar, Manwel**
Taħdita tal-Ftuħ tal-Għaqda Letterarja ... ... ,, 25
tal-Maltin fl-Awstralja ... ... ... ... ... ,, 36
*Wara li Qrajt "San Ġwann" għall-Ewwel Darba* ... ,, 90
*Lii Ibni Danjel* ... ... ... ... ... ... ...

**Chetcuti, Ġużè** ,, 37
*L-Għedewwa* ... ... ... ... ... ... ... ,, 37
*Jekk* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 85
*Id-Dinja u l-Bniedem* ... ... ... ... ... ,, 124
*Il-Mewt* ... ... ... ... ... ...